Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Raad van State (il-Pajjiżi l-Baxxi) fis-6 ta' Ottubru 2017 – Staatssecretaris van Veiligheid en Justitie, I. vs D.

(Kawża C-586/17)

(2018/C 005/28)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Raad van State

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Staatssecretaris van Veiligheid en Justitie, I.

Konvenut: D.

Domandi preliminari

1 (a) L-Artikolu 46(3) tad-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (riformulazzjoni) flimkien mal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, jipprekludi sistema li fiha l-qorti amministrattiva tal-ewwel istanza dwar l-ażil ma tistax, bħala prinċipju, tieħu inkunsiderazzjoni waqt l-evalwazzjoni tar-rikors motiv għal ażil invokat mill-barrani għall-ewwel darba quddiemha fil-kuntest ta' dan ir-rikors?

(b) Jagħmel differenza f'dan ir-rigward jekk jiġix invokat motiv għal ażil effettivament ġdid, jiġifieri motiv għal applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali li jkun ibbażat fuq fatti u ċirkustanzi li huma sussegwenti għad-deċiżjoni tal-awtorità responsabbli mill-ażil dwar l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, jew motiv ta' ażil moħbi, jiġifieri motiv għall-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali li jkun ibbażat fuq fatti u ċirkustanzi li huma preċedenti għad-deċiżjoni tal-awtorità responsabbli mill-ażil dwar l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali u li l-barrani, minkejja li kellu għarfien tagħhom, jista' jitqies li naqas milli jiżvelahom diġà matul il-proċedura amministrattiva?

(c) Jagħmel differenza f'dan ir-rigward jekk il-motiv għal ażil jiġix invokat fil-kuntest ta' rikors quddiem il-qorti amministrattiva tal-ewwel istanza dwar l-ażil kontra deċiżjoni tal-awtorità responsabbli mill-ażil dwar l-ewwel applikazzjoni jew applikazzjoni sussegwenti għal protezzjoni internazzjonali?

2. Jekk id-domanda 1(a) titlob risposta affermattiva, id-dritt tal-Unjoni jipprekludi li l-qorti amministrattiva tal-ewwel istanza dwar l-ażil tista' tagħżel li tirreferi l-eżami ta' motiv għal ażil, invokat għall-ewwel darba quddiemha fil-kuntest ta' rikors, għal proċedura ġdida quddiem l-awtorità responsabbli mill-ażil sabiex għalhekk jiġi ggarantit l-iżvolġiment tajjeb tal-proċedura ġudizzjarja jew jiġi evitat dewmien inammissibbli ta' din il-proċedura?

Appell ippreżentat fid–9 ta' Ottubru 2017 mir–Renju ta' Spanja mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla) fl–20 ta' Lulju 2017 fil-Kawża T-143/15, Ir–Renju ta' Spanja vs Il–Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-588/17 P)

(2018/C 005/29)

Lingwa tal-kawża: l–Ispanjol

Partijiet

Appellant: Ir–Renju ta' Spanja (rappreżentant: M. J. García–Valdecasas Dorrego, aġent)

Parti oħra fil-proċedura: Il–Kummissjoni Ewropea

Talbiet

— tilqa' l-appell odjern u tannulla parzjalment is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Lulju 2017, mogħtija fil-Kawża T-143/15, Ir-Renju ta' Spanja vs Il-Kummissjoni Ewropea (ECLI:EU:T:2017:534), sa fejn din tikkonċerna l-korrezzjoni finanzjarja imposta fuq ir-Renju ta' Spanja, li biha ġie eskluż mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea infiq partikolari sostnut mill-Istati Membri taħt il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU 23.1.2015, p. 62 sa 205/75), li jikkorrispondi ma' infiq ammissibbli marbut ma' żvantaġġi naturali u ma' miżuri agroambjentali tal-programm ta' żvilupp rurali tal-Komunità Awtonoma ta' Castilla u León, **inkonnessjoni mal-ammont li jikkorrispondi mal-parti mill-għajnuna favur żoni milquta minn żvantaġġi naturali, li jekwivali għal EUR 1 793 798,22**;

— tiddikjara, permezz tas-sentenza ġdida, l-annullament tad-deċiżjoni ta' implementazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Jannar 2015, sa fejn din tikkonċerna l-korrezżjoni finanzjarja imposta fuq ir-Renju ta' Spanja, li biha ġie eskluż mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ċertu nfiq imġarrab mill-Istati Membri skont il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u skont il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU 2015, L 16, p. 33), li jikkorrispondi mal-kunċetti ta' **żvantaġġi naturali u ma' miżuri agroambjentali tal-Programm ta' Żvilupp Rurali tal-Komunità Awtonoma ta' Castilla u León, inkonnessjoni mal-ammont li jikkorrispondi mal-parti mill-għajnuna favur żoni milquta minn żvantaġġi naturali, li jekwivali għal EUR 1 793 798,22.**

Aggravji u argumenti prinċipali

1. Żnaturament manifest tal-fatti

Jeżisti żnaturament manifest tal-fatti sa fejn: i) hekk kif indikat u pprovat mir-Renju ta' Spanja fir-rikors tiegħu, ġie konkluż ftehim fi ħdan il-korp ta' konċiljazzjoni dwar il-bażi li fuqu tiġi applikata l-korrezzjoni finanzjarja ii) u sa fejn ir-Renju ta' Spanja wera li ż-żoni għall-għalf li ma jinkludux fihom annimali jistgħu jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri kkontestati u, għaldaqstant, jiġu affettwati mill-korrezzjonijiet imposti mill-Kummissjoni.

2. Żball ta' liġi marbut mal-portata tal-valur tal-ftehimiet tal-korp ta' konċiljazzjoni, li jinvolvi ksur manifest tal-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba u ta' kooperazzjoni leali

Il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi billi ma rrikonoxxietx il-valur u l-effikaċja tal-ftehimiet parzjali ta' bejn il-Kummissjoni u Stat Membru fi ħdan il-korp ta' konċiljazzjoni. Barra minn hekk, ir-raġunament tal-Qorti Ġenerali jammonta għal ksur manifest tal-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba u ta' kooperazzjoni, safejn din irrendiet leġittimu n-nuqqas ta' amministrazzjoni li tirrikonoxxi, unilateralment u mingħajr ebda spjegazzjoni, ftehimiet konklużi ma' Stat fil-kuntest ta' proċedura ta' konċiljazzjoni, imfassla legalment u speċifikament bl-iskop li l-Kummissjoni u l-Istati jilħqu ftehim.

3. Żball ta' liġi bbażat fuq nuqqas ta' motivazzjoni tas-sentenza appellata

Il-Qorti Ġenerali ma tatx deċiżjoni fuq il-punt III.2.3 tal-appell, li fih ġie indikat ksur tal-Artikolu 31(2) tar-Regolament Nru 1290/2005 ([1]), kif ukoll tal-prinċipju ta' proporzjonalità, peress li l-bażi meħuda inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni għall-applikazzjoni tal-korrezzjoni finanzjarja kienet tinkludi l-benefiċjarji tal-għajnuna favur żoni żvantaġġati li ma jinkludux żoni għall-għalf.

4. Żball ta' liġi marbut mal-portata tal-Artikolu 31(2) tar-Regolament Nru 1290/2005 u mal-istħarriġ ġudizzjarju tal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif ukoll ma' ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja

Il-Qorti Ġenerali ma wettqitx l-istħarriġ ġudizzjarju kif obbligata tagħmel skont l-Artikolu 31(2) tar-regolament u skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, li jikkonsisti fid-determinazzjoni dwar jekk l-Istat issodisfax jew le l-obbligu tiegħu li jistabbilixxi li l-Kummissjoni wettqet żball fir-rigward tal-konsegwenzi finanzjarji li għandhom jiġu dedotti mill-imsemmi ksur. Il-Qorti Ġenerali lanqas ma vverifikat id-data pprovduta mir-Renju ta' Spanja li kienet turi l-iżball tal-Kummissjoni.

Ir-raġunament tal-Qorti Ġenerali juri ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tal-ġustizzja, sa fejn ma tirrikonoxxix li r-Renju ta' Spajna ddetermina n-numru ta' impriżi suġġetti għall-obbligu tal-għadd tal-bhejjem, u sa fejn din iddevjat mid-diskussjoni proċesswali stabbilita mill-partijiet.

(1) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar il-finanzjament tal-Politika Agrikola Komuni (imħassar) (GU 2005, L 209, p. 1).

Rikors ippreżentat fis–16 ta' Ottubru 2017 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir–Renju ta' Spanja

(Kawża C-599/17)

(2018/C 005/30)

Lingwa tal-kawża: l–Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Rius u T. Scharf, aġenti)

Konvenut: Ir–Renju ta' Spanja

Talbiet

— tiddikjara li r-Renju ta' Spanja, billi ma adottatx, sat-3 ta' Lulju 2016, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2392, tas-17 ta' Diċembru 2015, dwar ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (1) f'dak li għandu x'jaqsam ma' rappurtar lill-awtoritajiet kompetenti ta' ksur attwali jew potenzjali ta' dan ir-Regolament (2), jew, fi kwalunkwe każ, billi ma nnotifikahomx lill-Kummissjoni, naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 13(1) tal-imsemmija direttiva;

— tikkundanna lir-Renju ta' Spanja għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

It-terminu għat-traspożizzjoni tad-Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2392 fid-dritt intern skada fit-3 ta' Lulju 2016.

(1) Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-abbuż tas-suq (Regolament dwar l-abbuż tas-suq) u li jħassar id-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kummissjoni 2003/124/KE, 2003/125/KE u 2004/72/KE (ĠU L 173, p. 1)

(2) GU L 332, p. 126.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Högsta förvaltningsdomstolen (l-Isvezja) fl-24 ta' Ottubru 2017 – Skatteverket vs Memira Holding AB

(Kawża C-607/17)

(2018/C 005/31)

Lingwa tal-kawża: l-Isvediż

Qorti tar-rinviju

Högsta förvaltningsdomstolen